REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/801

tal-20 ta' Mejju 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 biex tiġi aġġornata l-lista ta' sustanzi attivi approvati jew li jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) telenka s-sustanzi attivi, li inizjalment kienu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]) u li jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Oriġinarjament elenkat 354 sustanza attiva.

(2) Għal 68 mis-sustanzi attivi elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, l-applikazzjonijiet għat-tiġdid ma ġewx sottomessi jew ġew sottomessi iżda mbagħad irtirati, bil-konsegwenza li l-perjodi ta' approvazzjoni għal dawn is-sustanzi attivi skadew.

(3) Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 telenka s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Għal sebgħa minn dawk is-sustanzi attivi, l-applikazzjonijiet għat-tiġdid ma ġewx sottomessi tliet snin qabel l-iskadenza tal-approvazzjonijiet rispettivi tagħhom jew ġew sottomessi iżda mbagħad irtirati, bil-konsegwenza li l-perjodi ta' approvazzjoni għal dawn is-sustanzi attivi skadew.

(4) Jenħtieġ li dawk is-sustanzi kollha li ma għadhomx approvati jew li jitqiesu li ġew approvati wara l-iskadenza ta' perjodu ta' approvazzjoni elenkat għas-sustanzi kkonċernati fil-Parti A jew fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jitħassru mill-Partijiet A u B, rispettivament, tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' trasparenza.

(5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformita mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-Parti A jitħassru l-entrati li ġejjin:

(1) l-entrata 21, Ċiklanilid;

(2) l-entrata 33, Ċinidon-etil;

(3) l-entrata 43, Ethoxysulfuron;

(4) l-entrata 45, Oxadiargyl;

(5) l-entrata 49, Cyfluthrin;

(6) l-entrata 56, Mecoprop;

(7) l-entrata 72, Molinate;

(8) l-entrata 87, Jossinil;

(9) l-entrata 94, Imazosulfuron;

(10) l-entrata 100, Tepraloxydim;

(11) l-entrata 113, Maneb;

(12) l-entrata 120, Warfarin;

(13) l-entrata 121, Clothianidin;

(14) l-entrata 140, Thiamethoxam;

(15) l-entrata 143, Flusilazole;

(16) l-entrata 144, Karbendażim;

(17) l-entrata 151, Glufosinate;

(18) l-entrata 157, Fipronil;

(19) l-entrata 174, Diflubenzuron;

(20) l-entrata 175, Imazakwin;

(21) l-entrata 177, Oxadiazon;

(22) l-entrata 184, Quinoclamine;

(23) l-entrata 185, Chloridazon;

(24) l-entrata 190, Fuberidazole;

(25) l-entrata 192, Diuron;

(26) l-entrata 196, *Bacillus thuringiensis* subsp. *tenebrionis* razza NB 176 (TM 141);

(27) l-entrata 201, *Phlebiopsis gigantean* razez VRA 1985, VRA 1986, FOC PG B20/5, FOC PG SP log 6, FOC PG SP log 5, FOC PG BU 3, FOC PG BU 4, FOC PG97/1062/116/1.1, FOC PG B22/SP1287/3.1, FOC PG SH 1, FOC PG B22/SP1190/3.2;

(28) l-entrata 205, *Trichoderma polysporum* razza IMI 206039;

(29) l-entrata 211, Epoxiconazole;

(30) l-entrata 212, Fenpropimorph;

(31) l-entrata 214, Tralkoxydim;

(32) l-entrata 216, Imidacloprid;

(33) l-entrata 221, Aċetat tal-ammonju;

(34) l-entrata 226, Benżoat tad-denatonju;

(35) l-entrata 237, Ġebla tal-franka;

(36) l-entrata 239, Residwu tal-estrazzjoni tat-trab tal-bżar (PDER);

(37) l-entrata 245, 1,4-diamminobutan (putressin);

(38) l-entrata 252, Estratt mill-alka tal-baħar (magħruf qabel bħala estratt mill-alka tal-baħar u ħaxix tal-baħar);

(39) l-entrata 253, Silikat tal-aluminju tas-sodju;

(40) l-entrata 254, Ipoklorit tas-sodju;

(41) l-entrata 256, Idroklorur tat-trimetilamin;

(42) l-entrata 261, Calcium phosphide;

(43) l-entrata 269, Triadimenol;

(44) l-entrata 270, Methomyl;

(45) l-entrata 280, Teflubenzuron;

(46) l-entrata 281, Zeta-cypermethrin;

(47) l-entrata 282, Chlorsulfuron;

(48) l-entrata 283, Cyromazine;

(49) l-entrata 286, Lufenuron;

(50) l-entrata 290, Difenacoum;

(51) l-entrata 303, Spirodiclofen;

(52) l-entrata 306, Triflumizole;

(53) l-entrata 308, FEN 560 (magħruf ukoll bħala żerriegħa tal-fienu mitħuna);

(54) l-entrata 309, Haloxyfop-P;

(55) l-entrata 312, Metosulam;

(56) l-entrata 315, Fenbukonażolu;

(57) l-entrata 319, Miklobutanil;

(58) l-entrata 321, Triflumuron;

(59) l-entrata 324, Dietofenkarb;

(60) l-entrata 325, Etridiażol;

(61) l-entrata 327, Oriżalina;

(62) l-entrata 332, Fenossikarb;

(63) l-entrata 336, Karbetamid;

(64) l-entrata 337, Karbossinu;

(65) l-entrata 338, Ċiprokonażol;

(66) l-entrata 347, Bromadiolon;

(67) l-entrata 349, Penċikuron;

(68) l-entrata 353, Flutriafol.

2. Fil-Parti B, jitħassru l-entrati li ġejjin:

(1) l-entrata 2, Profossidim;

(2) l-entrata 3,Ażimsulfuron;

(3) l-entrata 14, Flukwinkonażol;

(4) l-entrata 17, Triażossidu;

(5) l-entrata 19, Akrinatrina;

(6) l-entrata 20, Prokloraż;

(7) l-entrata 23, Bifentrin.